## IŻ-ŻWIEĠ SAGRAMENT

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija.**
**Is 62, 1-5**

Minħabba f'Sijon ma nehdiex,
minħabba f'Ġerusalemm ma niskotx.
Bħal dija għad tfeġġ il-ġustizzja tagħha.
bħal torċa għad taqbad is-salvazzjoni tagħha.
Il-ġustizzja tiegħek għad jarawha l-ġnus,
u s-sebħ tiegħek jarawh is-slaten kollha.
B'isem ġdid għad isejħulek,
isem li għad jagħżlu fomm il-Mulej.
Għad tkun kuruna ta' ġmiel f'id il-Mulej
u dijadema ta' sultan f'id Alla tiegħek.
Ma jgħidulekx aktar "Il-Mitluqa'',
anqas lil artek ma jsejħulha aktar 'l-Imħarbta''.
Lilek għad isejħulek "Għaxqti fiha'',
u lil artek għad igħidulha "Għarusa'',
għax il-għaxqa tal-Mulej fik,
u artek għad titgħarras.
Bħalma l-għarus jitgħarras xebba,
hekk jitgħarrsek il-Bennej tiegħek;
U bħalma l-għarus jitgħaxxaq b'għarustu,
hekk jitgħaxxaq bik Alla tiegħek.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 95**
**Xandru fost il-popli kollha l-egħġubijiet tal-Mulej**

Għannu lill-Mulej għanja ġdida,
Għannu lill-Mulej fl-art kollha!
Għannu lill-Mulej, bierku ismu!

**R/. Xandru fost il-popli kollha l-egħġubijiet tal-Mulej**

Ħabbru minn jum għal jum is-salvazzjoni tiegħu,
xandru fost il-ġnus il-ġlorja tiegħu,
fost il-popli kollha l-egħġubijiet tiegħu!

**R/. Xandru fost il-popli kollha l-egħġubijiet tal-Mulej**

Agħtu lill-Mulej, familji tal-popli,
agħtu lill-Mulej sebħ u setgħa,
agħtu lill-Mulej is-sebħ ta' ismu!

**R/. Xandru fost il-popli kollha l-egħġubijiet tal-Mulej**

Inxteħtu quddiem il-Mulej b'żina qaddis,
triegħdu quddiemu fl-art kollha!
Għidu fost il-ġnus: "Il-Mulej isaltan!''
Huwa jiġġudika l-popli bis-sewwa.

**R/. Xandru fost il-popli kollha l-egħġubijiet tal-Mulej.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**
**1 Kor 12, 4-11**

Ħuti: Hemm diversi doni, imma wieħed hu l-Ispirtu; hemm diversi ministeri, imma l-istess wieħed hu l-Mulej; hemm diversi ħidmiet, imma l-istess Alla, li jaħdem kollox f'kulħadd. Lil kull wieħed tingħata d-dehra ta' l-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd; lil wieħed jingħatalu kliem is-sapjenza, permezz ta' l-Ispirtu: lil ieħor kliem il-għerf, skond l-istess Spirtu; lil ieħor il-fidi, fl-istess Spirtu; lil ieħor id-don tal-fejqan, fl-istess Spirtu; lil ieħor is-setgħa tal-mirakli; lil ieħor id-don tal-profezija; lil ieħor id-don li jagħżel l-ispirti; lil ieħor diversi ilsna; lil ieħor it-tifsir ta' l-ilsna. Dan kollu jaħdmu l-istess Spirtu wieħed, li jqassam lil kull wieħed kif jogħġbu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah**
Jiena d-dawl tad-dinja, igħid il-Mulej;
Min jimxi warajja jkollu d-dawl tal-ħajja.
**Hallelujah**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann.**
**Ġw 2, 1-12**

F'dak iż-żmien; Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesu' kienet hemm. U kien mistieden għat-tieġ Ġesu' wkoll u d-dixxipli tiegħu. U billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesu' qaltlu: "Ma għandhomx inbid'' Ġesu' qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma ġietx.'' Ommu qalet lill-qaddejja: "Kull ma jgħidilkom, agħmluh.''
Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi għoxrin jew tletin gallun. Ġesu' qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma.'' U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh 'il dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda.'' U huma marru jnewluhulu. Dak li kien qiegħed jieħu ħsieb il-mejda daq l-ilma midbul fi nbid; u billi ma kienx jaf minn fejn ġie, għad li l-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, dak li kien qiegħed jieħu ħsieb il-mejda sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel: meta mbagħad ikun ħadhom, iġibu dak li hu tajjeb inqas. Imma int erfajt sa issa l-inbid it-tajjeb.''

Dan, l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu, Ġesu’ għamlu f’Kana tal-Ġalilija, u wera s-sebħ tiegħu; u d-dixxipli tiegħu emmnu fih. Wara dan , niżel Kafarnahum, hu, ommu, ħutu u d-dixxipli tiegħu, u qagħdu hemm, iżda mhux għal ħafna ġranet.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**